# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Settembru, 2015

**Talba Nru:** 451/15 DMA

**Vodafone Malta Limited**
**(C10865)**

**Vs**

**Anthony Rapa**
**ID. 150769M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' Gunju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-intimat ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elf, tliet mija u wiehed u sebghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€1,371.55) rapprezentanti l-ammont dovut lis-socjeta' attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti, u dank if jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dok. VF1'.

Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv tal-ammont hawn reklamat, hu baqa' inadempjanti bil-konsegwenza illi kellha tigi adottata din il-procedura.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont, kontra l-intimat, bl-ingunzjoni tal-intimat in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-17 ta' Settembru, 2015 u qas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-17 ta' Settembru, 2015 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf, tliet mija u wiehed u sebghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€1,371.55) bl-imghaxijiet legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat gie dovut sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**